Majsi flimkien mal-mara, oħtha, ix-xebbiet u l-irġiel ħarġu ferħanin, u ħallew warajhom lil Mastru Salv iħaqqaqha ma' l-avukat u jħedded li jrid jappella.

Minn dak in-nhar Majsi xtara kopja tal-Liġi fuq il-Ħlas għall-Ħsarat tal-Gwerra lill-Bini u Ħwejjeġ u Ktejjeb li jfissr fil-qosor din il-Liġi bil-ħsieb li hu u l-werrieta l-oħra jmorru jinkitbu bħala sidien tad-dar imwaqqa' tal-mejjet Felić. fl-Uffiċċju tal-Valutazzjonijiet ta' l-Artijiet Mibnija. Rożina, mill-banda l-oħra, bit-tama li ommha ma ddumx ma taqbad xi kemxa flus ġmielha biex hi tkun tista' ddabbar il-ġhież, mill-profitti tal-kapital ta' zijuha l-mejjet, mis-sehem fil-minieri tas-Sulfat. f'Tunes u mili-flus li kellu fil-bank Franċiż, kienet hija u ommha kuljum tmur tisma' l-aħbarijiet fuq Tunes mir-radju u taqra "Il-Berqa" għax kienet tkun fuq ix-xwiek biex tkun taf l-Armati tagħna sa fejn kienu waslu u kemm huma 'l bogħod minn Tunes. Hija u ommha saru jafu minn fuq il-mappa l-kosta kollha ta' l-Afrika ta' Fuq, mit-Tripolitanja sa tarf Bizerta.

Mad-daħla ta' l-Armati tagħna ġewwa Tunes il-ħolma tagħha bdiet titwettaq, il-ħolma li fl-aħħar il-werrieta ta' Felić it-Tuneżin ma jdumux ma jibdew jdaħħlu l-profitti tal-kapital tal-minjieri tas-Sulfat f'Tunes u l-flus li Felić kellu fil-Bank Franċiż.

Iżda Rożina, flimkien ma' l-għarus tagħha, ommha u missierha, kif ukoll Mananni u bintha Dolor, li kienet tidher wiċċ ieħor, dejjem bit-tbissima f'ħalqha, għax wieħed żagħżugħ ġar tagħhom wera li jħajjar għaliha, dlonk kont tarahom, għal fil-għaxija, deħlin iżuru l-Knisja ta' Ġieżu, u għarkobbtejhom quddiem l-artal ta' San Ġużepp igħidu r-Rużarju u xi talb ieħor għal ruħ qaribhom, il-mejjet Felić.

Għeluq sena tal-mewt tiegħu għamlulu quddiesa kantata tal-mejtin, li fiha ħadet sehem kbir il-Fratellanza ta' San Ġużepp u l-ħbieb kollha tal-mejjet, fosthom ukoll minn ta' l-ewwel, Mastru Salv—u minn dak iż-żmien il quddiem, dlonk Majsi kont tarah jiltaqa' ma' dan fil-Ġnien ta' fuq it-trunċieri għal fil-għaxija u jiftakru biex jagħtu xi quddiesa u jfarrġu lill-imsejkna ruħ ta' dak Felić, li maħqur saħansitra mill-qilla tal-għadu li wasslitu sa tarf il-qabar, wara mewtu kellu x-xorti sabiħa u akbar li ġidu jaqa' għand nies li jibogħu jiftakru fih b'dik l-imħabba safja *ta' demm li qatt ma jsir semm.*



# Mara Ħad-Dnub

Ta' ARTHUR V. VASSALLO

*Għalhekk meta ssoktaw jistaqsuh, Huwa qam u qalilhom, Dak li fostkom qatt ma dineb f'ħajtu ħalli jitfgħelha l-ewwel ġebla.*
(S. Ġwann, viii, 7.)

Tiġini ħasra x'ħin narak mitluqa,
tiġġerra mat-triqat, bla lġiem, mormija,
qisek xi ruħ imsejkna titlob ħniena
għax minn kulħadd minsija.

Dnubietek kbar. Il-biża' li ħatfitek
fil-bidu ta' dil-ħajja, d-dehriet boloh
li ma ħallewkx tistrieħ x'ħin kont tmidd rasek
fid-dlam ta' ljieli koroh,

dawn kollha maż-żmien keshu madwar qalbek
u redgħu minnha s-sħana li tħaddimha.
Il-lum il-biża' mar, id-dehriet għabu,
u l-qalb m'għadekx tifhimha.

Tiġini ħasra; għax jien mhux biss il-ħażen
li fih imdardar ġiehek nilmaħ fik,
iżda t-taqlib ta' ħajtek l-imgħoddija
u ż-żmien li daħak bik.

Narak u jisgħobbija. Taħt is-sejħa
ta' tbissima miżbugħa, tqila, mdejqa,
jien nara fik dawk l-irqaqat ta' ħlewwa
li jagħnu l-isbaħ ħlejqa.

Għax tabilħaqq li tlift dik it-tjubija
w is-satra, żewġ egħliem li jagħżlu 'l mara;
iżda għadha qalbek hemm bħal ta' ħaddieħor
u mhux ta' min jaħqarha.

Niftakar darba qalli ħabib tiegħi,
"Lil dawn ma tridx turihom l-iċken ħniena."
"Għaliex," staqsejtu, "qatt ma smajt ewwilla
bil-fidwa tal-Madliena?"

Londra, Mejju, 1943.